

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>Dokumenti pubbliċi

Dokumenti pubbliċi

Litwanja

L-Artikolu 24(1)(a) - lingwi aċċettati mill-Istat Membru għad-dokumenti pubbliċi biex jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet tiegħu skont il-punt (a) tal-Artikolu 6(1)

Il-lingwa tal-Istat tar-Repubblika tal-Litwanja hija l-Litwan.

L-Artikolu 24(1)(b) - lista indikattiva ta' dokumenti pubbliċi li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament

L-Artikolu 24(1)(b):

- a) iċ-ċertifikat tat-twelid (maħruġ bejn l-1 ta' Jannar 1992 u l-1 ta' Jannar 2017)
estratt li jikkonferma rekord tat-twelid (maħruġ mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem)
- b) dikjarazzjoni notarizzata li persuna fiżika tkun haġja u f'post partikolari;
ċertifikazzjoni li persuna hija haġja u f'post partikolari (maħruġa mill-Bord tal-Fond Statali tal-Assigurazzjoni Soċjali)
- c) iċ-ċertifikat tal-mewt (maħruġ bejn l-1 ta' Jannar 1992 u l-1 ta' Jannar 2017)
estratt li jikkonferma rekord tal-mewt (maħruġ mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem)
- d) ċertifikat ta' bidla tal-isem, tal-kunjom jew tan-nazzjonalità (maħruġ bejn l-4 ta' Diċembru 2005 u l-1 ta' Jannar 2017)
estratt li jikkonferma rekord li temenda jew tissupplimenta rekord ta' stat ċivili (maħruġ mill-1 ta' Jannar 2017)
- e) Żwieġ:

iċ-ċertifikat tal-mewt (maħruġ bejn l-1 ta' Jannar 1992 u l-1 ta' Jannar 2017)
estratt li jikkonferma rekord taż-żwieġ (maħruġ mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem)

Kapaċità li persuna tiżżewweġ

Ċertifikat ta' ebda impediment għaż-żwieġ

Ċertifikat konsulari tal-istatus tal-familja

Ċertifikat tal-istatus tal-familja

f) iċ-ċertifikat tad-divorzju (maħruġ bejn l-1 ta' Jannar 1992 u l-1 ta' Jannar 2017)
estratt li jikkonferma rekord tad-divorzju (maħruġ mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem)

sentenza tal-Qorti relatata ma' divorzju jew annullament
ma jinħareġ l-ebda dokument biex jikkonferma separazzjoni

g) -

h) -

i) iċ-ċertifikat tat-twelid (maħruġ bejn l-1 ta' Jannar 1992 u l-1 ta' Jannar 2017)
estratt li jikkonferma rekord tat-twelid (maħruġ mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem)
talba konġunta notarizzata minn missier jew omm li tirrikonoxxi l-paternità ta' wildhom
sentenza tal-Qorti li tistabbilixxi l-maternità/il-paternità;
sentenza tal-Qorti dwar kontestazzjoni ta' paternità/maternità;

j) iċ-ċertifikat tat-twelid (maħruġ bejn l-1 ta' Jannar 1992 u l-1 ta' Jannar 2017)
estratt li jikkonferma rekord tat-twelid (maħruġ mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem)
sentenza tal-Qorti dwar adozzjoni

k) ċertifikat tal-post tar-residenza ddikjarat

Ċertifikat tad-dettalji personali mir-Regjistru tal-Popolazzjoni

l) il-passaport/il-karta tal-identità personali

iċ-ċertifikat tat-twelid (maħruġ bejn l-1 ta' Jannar 1992 u l-1 ta' Jannar 2017)
estratt li jikkonferma rekord tat-twelid (maħruġ mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem)
Digriet jew sentenzi dwar akkwizzizzjoni, telf jew irkupru ta' nazzjonalità

m) ċertifikat li jkun fih informazzjoni dwar persuna fiżika mir-regjistru ta' persuni ssuspettati, persuni akkużati u persuni kkundannati

L-Artikolu 24(1)(c) - il-lista ta' dokumenti pubbliċi li magħhom jistgħu jiġu mehmuża l-formoli standard multilingwi bħala għajnuna adatta għat-traduzzjoni

L-Artikolu 24(1)(c)

a) estratt li jikkonferma rekord tat-twelid (maħruġ mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem)

b) -

c) estratt li jikkonferma rekord tal-mewt (maħruġ mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem)

d) -

e) estratt li jikkonferma rekord taż-żwieġ (maħruġ mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem)

Ċertifikat ta' ebda impediment għaż-żwieġ

k) ċertifikat tal-post tar-residenza ddikjarat

Ċertifikat tad-dettalji personali mir-Regjistru tal-Popolazzjoni

m) ċertifikat li jkun fih informazzjoni dwar persuna fiżika mir-regjistru ta' persuni ssuspettati, persuni akkużati u persuni kkundannati

L-Artikolu 24(1)(d) - il-listi ta' persuni kkwalifikati, f'konformità mal-liġi nazzjonali, biex iwettqu traduzzjonijiet iċċertifikati, meta tali listi jkunu jeżistu

Ma hemm l-ebda lista ta' tradutturi ċertifikati.

L-Artikolu 24(1)(e) - lista indikattiva ta' tipi ta' awtoritajiet awtorizzati mil-liġi nazzjonali sabiex jagħmlu kopji ċċertifikati

- in-nutara

- l-entitajiet statali u municiċipali (għal kopji tad-dokumenti maħruġa minnhom).

L-Artikolu 24(1)(f) - informazzjoni dwar il-mezzi li bihom traduzzjonijiet iċċertifikati u kopji ċċertifikati jistgħu jiġu identifikati

Ma hemm l-ebda traduzzjoni ċertifikata jew rekwiżiti speċifiċi għal traduzzjonijiet jew kopji ċertifikati tagħhom. Fil-prattika, id-dokumenti normalment jiġu tradotti minn aġenziji tat-traduzzjoni jew tradutturi, għalhekk ikun indikat fuq id-dokument li ġie tradott minn aġenzija tat-traduzzjoni jew traduttur. F'każijiet individwali, it-traduzzjoni tista' tiġi ċertifikata mill-firma tat-traduttur jew l-eżattezza tagħha tista' tiġi ċertifikata minn nutar.

L-Artikolu 24(1)(g) - informazzjoni dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-kopji ċertifikati

Meta dokument ikun iċċertifikat minn entità statali jew muniċipali:

il-kopja tad-dokument maħruġ minnha jkollha marka ta' ċertifikazzjoni fl-aħħar, li jkun fiha l-kliem "kopja konformi"/"estratt konformi", flimkien mad-data u t-titlu tal-impjeg, il-firma, l-isem jew l-inizjali u l-kunjom tal-kap jew persuna awtorizzata oħra tal-entità li tiċċertifika l-awtentiċità tal-kopja jew tal-estratt.

Jekk l-awtentiċità ta' kopja stampata ta' dokument elettroniku tiġi ċertifikata permezz tal-għodod tal-IT, il-marka ta' ċertifikazzjoni tal-persuna ġuridika awtorizzata biex tiċċertifikaha tikkonsisti fil-kliem "kopja konformi", l-isem tal-persuna ġuridika awtorizzata li tiċċertifikaha u d-data. Il-marka ta' ċertifikazzjoni tista' titwaħħal ukoll bit-timbru.

Il-mudell taċ-ċertifikat notarili jrid jimtela: bid-data tal-att notarili, isem l-uffiċċju tan-nutar li qed jeżegwixxi l-att notarili, isem u kunjom in-nutar, in-numru tar-reġistru notarili tal-att notarili, l-onorarju tan-nutar għall-att notarili (meta n-nutar jirrinunzja għall-onorarju għandu jikteb il-kliem "onorarju rinunzjat"), il-ħlas għal-verifiki fir-reġistri statali, il-ħlas lir-reġistri statali, il-ħlas għal kull servizz ieħor li sar fuq it-talba tal-klijent u l-firma tan-nutar.

Rekord li jikkonferma l-awtentiċità ta' kopja/estratt:

" _____ 20 _____

Jien, _____, b'dan niċċertifika li din hija kopja konformi tad-dokument ipprovdut.

Nru tar-reġistru notarili: _____

Onorarju tan-nutar: _____

ħlas(ijiet) għal servizzi oħrajn li saru fuq talba tal-klijent: _____

Il-firma tan-nutar"

L-aħħar aġġornament: 07/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.